16 ta' Ottubru, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Paolo Magri *versus* Giovanna Bonello

**Alimenti — Minuri — Ripetizzjoni — Gratuwità.**

*Alimenti mogħtija lil persuna taħt l-età, meta hemm lok għar-ripetizzjoni tagħhom, huma "stricto jure" ripetibili kontra l-missier tal-minuri, għal dak li jirrigwarda l-perijodu tal-minorità, fin-nuqqas ta' ratifika tal-minuri meta jsir maġġorenni.*

*Hadd ma jista' jippretendi kumpens għall-alimenti li jkun issommministra, meta jirriżultaw ċerti fattijiet li minnhom tista' titnissel il-preżunzjoni tal-gratuwità, jew in-nuqqas ta' l-idea ta' l-intenzjoni tal-ħlas.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti opportuni, billi l-attur mantna u żamm miegħu l-konvenuta għall-aħħar ħames snin sad-29 ta' Ġunju 1950, il-konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata, anki per mezz ta' periti, jekk jeħtieġ. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' qbid tad-29 ta' Awissu 1950;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li l-konvenuta tiġi n-neputija tal-mara ta' l-attur, u kien ilha toqgħod ma' l-attur ħafna żmien meta kienet għadha minorenni. Il-konvenuta l-lum għandha 19-il sena. u sejra tagħlaq l-20 fi Frar li ġej;

Illi l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni ta' l-alimenti minnu mogħtija lill-konvenuta fl-aħħar ħames snin. Jingħad li f'dak il-perijodu mitlub erba' snin minnhom, jew perijodu

kbir minnhom, ingħataw dawk l-alimenti lil persuna ta' età minuri, b'mod li "stricto jure" għal dak il-perijodu ta' minorità, fin-nuqqas ta' ratifika tal-minuri fil-maġġjorità, kien responsabili missierha;

Illi apparti dina l-konsiderazzjoni fuq magħmula, huwa fatt li ħadd ma jista' jippretendi kumpens għall-alimenti meta jirriżultaw ċerti *fattijiet li minnhom tista' titnissel* il-preżunzjoni tal-gratuwità, jew tan-nuqqas ta' l-idea ta' l-intenzjoni tal-ħlas;

*Illi l-fattijiet* li minnhom titnissel il-preżunzjoni li l-alimenti in kwistjoni ġew mogħtija "pietatis causa" mill-attur huma s-segwenti:—

*Omissis;*

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, fil-ħsieb tal-*Qorti*, l-attur ma *għandu ebda dritt kontra* l-konvenuta, li *tinnega* li qatt hija ppromettiet il-ħlas ta' dawk l-alimenti, jew fil-maġġjorità tagħha rratifikat l-alimenti lilha mogħtija fil-*minorità*, jew aċċettat li tħallas dawk li l-attur taha fil-maġġjorità tagħha bla intenzjoni li jitħallas għar-raġunijiet li ntqalu fuq;

Illi f'dana s-sens hija l-*ġurisprudenza* tagħna (ara Prima Awla Civili, Vol. XXIX, P. II. paġ. 40, in re "Micallef vs. Emmanuele Pace"; Prim'Awla Civili, Vol. VII, paġ. 200, in *re* "*Vincenzo Farrugia vs.* Dr. Giuseppe Tonna", 27 ta' Ġunju 1874; Appell 10 ta' Diċembru 1866, in re "Calleja Cortis vs. Farrugia"; u Appell 7 ta' Marzu 1927, Vol. XXVI, P. I, *pag.* 676);

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż.